MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2014

Appell Civili Numru. 467/2010/1

**Kevin Camilleri**

**Vs**

**Josef Dimech ezercenti fil-kummerc taht l-isem J.S. Dimech**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza tat-30 ta' Settembru, 2013, fejn il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*"Il-Qorti:-*

*Rat ir-rikors ippresentat mir-rikorrent fit-3 ta' Novembru 2010 fejn huwa talab lill-dina l-Qorti tikkundanna lill-intimat ihallsu is-somma ta' sebat elef, tmien mija u hamsa u tmeini Euro (€7,885) rappresentanti xoghol ta' reparazzjoni u manutenzjoni fuq diversi vetturi propjeta tal-konvenut, liema xoghol sar fuq istruzzjonijiet tieghu u ghadu ma thallasx.*

*Rat ir-risposta ippresentata fit 18 ta' Jannar 2011 fejn il-konvenut sahaq illi huwa kellu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju peress illi kienet is-socjeta J'S Dimech Com-Ind Limited, illum JSDimech Limited (C 34919), illi qabbdet lir-rikorrenti jaghmel ix-xoghlijiet u mhux hu personalment, kif qieghed jghid ir-rikorrent.*

*Rat ix-xhieda moghtija minn* ***Kevin Camilleri*** *fil 5 ta' April 2011 u d-dokumentazzjoni minnu ppresentata.*

*Semghet ix-xhieda ta' Kevin Camilleri moghtija fis 7 ta' Ottubru 2011 kif ukoll rat id-dokumentazzjoni kollha minnu prodotta.*

*Rat illi fis-7 ta' Ottubru 2011, ir-rikorrenti iddikjara illi in vista tal-eccezzjoni tal-intimat, kien ser jaghmel rikors ghal kjamat in kawza tas-socjeta JS Dimech Limited, liema rikors izda, sad-data tas-sentenza, baqa' qatt ma sar.*

*Semghet il-kontro ezami ta' Kevin Camilleri moghtija fit 18 ta' Novembru 2011 kif ukoll rat id-dokumentazzjoni ippresentata tul il-kontro ezami da parte tal-intimat lir-rikorrent.*

*Rat l-affidavit ta'* ***Charlton Borg****, manager tas-socjeta JSDimech Limited li jiehu hsieb ir-'repairs and manitenance' tal-vetturi kollha tal-*

*kumpannija, ippresentat fil 21 ta' Mejju 2012 u dokumentazzjoni minnu ppresentata.*

*Rat l-affidavit ta'* ***Josef Dimech****, shareholder u sole director tal-kumpannija JSDimech Limited, ippresentat fil 21 ta' Mejju 2012 u dokumentazzjoni minnu ppresnetata.*

*Semghet ix-xhieda u kontro ezami ta'* ***Kevin James Fenech****, business advisor tal-kumpannija JSDimech Limited moghtija fid 9 ta' Novembru 2012.*

*Rat l-affidavit ta'* ***Jason Stivala****, accountant tas-socjeta JSDimech Limited, ippresentat fis 17 ta' Dicembru 2012.*

*Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippresentata mir-rikorrent fis 26 ta' April 2013 u dik tal-intimat ippresentat fit 12 ta' Lulju 2013, wara liema data il-kawza giet differita ghasa-sentenza.*

***Ikkunsidrat***

*Illi l-kawza odjerna tikkoncerna talba da parte tar-rikorrent, li huwa mechanic, sabiex dana jithallas tas-servizzi lilu resi fuq diversi vetturi li ghalihom kien jintalab jaghmel xoghlijiet kemm mir-rikorrent kif ukoll minn Charlton Borg, illi kien jahdem mieghu.*

*L-intimat laqa' ghal kawza odjerna billi stqarr illi l-ordnijiet kollha kienu jsiru f'isem JSDimech Limited, illi qabel kienet J'S Dimech Com-Ind Limited, u ghalhekk il-kawza kif imposta kienet zbaljata u kellu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.*

*Ir-rikorrent kien, fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2011, ossija l-ewwel seduta quddiem dina l-Qorti kif komposta, iddikjara illi kien ser jippresenta rikors*

*ghal kjamat in kawza tas-socjeta JSDimech Limited, izda tali rikors baqa' qatt ma sar u ghalhekk l-atti kollha baqghu kif originalment intavolati.*

***Ikkunsidrat***

*Illi jirrizulta mill-provi prodotti li r-rikorrenti kien jaghmel diversi xoghlijiet ta' riparazzjoni kull fejn kien jintalab sabiex imur da parte tar-rikorrenti jew Charlton Borg. Sussegwentement, kull tant zmien, kien jirredigi invoice u kien jibghatha lill-intimat u eventwalment kien jithallas tas-servizzi lilu rezi.*

*Jidher, izda, li f'mument minnhom, huwa baghat l-ahhar invoice tieghu, 'J&S Dimech Bill 20', izda l-intimat irrifjuta illi jhallsu peress illi beda jikkontendi illi dana kien oghli zzejjed. Sussegwentement, minkejja li ltaqghu bien jitkellmu dwar il-kont, il-partijiet baqghu ma ftehmux u giet intavolata il-kawza odjerna.*

***Ikkunsidrat***

*Illi, mid-dokumentazzjoni kollha ppresentata mill-partijiet, jirrizulta illi l-kontijiet kollha tar-rikorrent kienu jinhargu f'isem 'J&S Dimech' filwaqt illi l-pagamenti kollha illi gew ippresentati mill-intimati kollha inhargu mis-socjeta' J'S Dimech Com-Ind Ltd (vide fol 60 et seq).*

*Jidher ukoll illi l-vannijiet kollha li fuqhom kien hadem ir-rikorrenti kellhom indikat car ma' kull naha taghhom illi kienu vannijiet ta' J'S Dimech Com-Ind Ltd (vide fol 72) madanakollu, kif stqarr ir-rikorrent stess, huwa ma kellux hin x'jahli biex joqghod ihares lejn il-vannijiet meta jmur jirrangahom (vide fol 13).*

*Illi finalment jigi nnutat ukoll illi l-ittra interpellatorja tar-rikorrenti saret fl-indirizz tas-socjeta JSDimech Limited, ghalkemm indirizzata lill J & S Dimech.*

*Illi dana kollu qieghed jinghad in vista tal-eccezzjoni imressqa mill-intimat illi ma huwiex il-legittimu kontradittur.*

*Illi dina l-Qorti ma tistax ma tinnutax li r-rikorrenti inghata l-fakolta' li jikkjama in kawza is-socjeta JSDimech Limited, u dana ftit anqas minn sena wara li nbdew il-proceduri odjerni - dana izda baqa' qatt ma ghamlu.*

***Ikkunsidrat***

*Illi mill-provi kollha prodotti, jidher car illi l-vannijiet huwa propjeta tas-socjeta JSDimech Limtied, gia J'S Dimech Com-Ind Ltd, u jidher car ukoll illi l-pagamenti kollha li saru lir-rikorrenti ghas-servizzi minnu resi saru kollha mis-socjeta J'S Dimech Com-Ind Ltd. Jidher car ukoll illi Charlton Borg, illi kien principalment jikkontratta mar-rikorrenti, kien impjegat tas-socjeta J'S Dimech Com-Ind Ltd u l-intimat Joseph Dimech huwa direttur u sole-shareholder tad-ditta JSDimech Limtied, gia J'S Dimech Com-Ind Ltd.*

*Illi ghalhekk il-Qorti ma tistax tifhem kif ir-rikorrenti intavola il-proceduri odjerni kontra Josef Dimech f'ismu personali, meta kellu provi sufficjenti f'idejh li kienu jindikaw li tali xoghlijiet kienu attwalment qed isiru a beneficcju tas-socjeta J'S Dimech Com-Ind Ltd - harsa lejn ic-cekkijiet mahruga kien ikun sufficjenti biex jinduna tali fatt.*

*Il-Qorti, filwaqt illi ssiba difficili taccetta li r-rikorrent ma jithallasx tas-servizzi minnu resi, anke jekk forsi f'ammont anqas minn dak stabbilit, ma tistax ma tinnutax illi l-intimat huwa korrett fid-difiza tieghu li huwa kellujigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, peress illi huwa car, oltre kull dubju, li l-vannijiet kienu propjeta tas-socjeta JSDimech Limited gia J'S Dimech Com-Ind Ltd u l-istruzzjonijiet li kien qed jircievi kien ghan-nom ta' tali socjeta. Certament, ghalhekk, ir-rikorrent, fil-kwalita' personali*

*tieghu, ma jistax jigi kkundanat ihallas ghas-servizzi resi lill-kumpannija tieghu.*

***Konkluzjoni***

*Il-Qorti*

*Wara illi rat il-provi kollha prodotti mill-partijiet*

*Tghaddi biex taqta u tiddeciedi billi filwaqt li*

*Tilqa l-eccezzjoni tal-intimat u, ghalhekk tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju*

*Tichad it-talbiet attrici kif dedotti.*

*Kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha."*

Illi l-appellanti Kevin Camilleri appella mill-imsemmija sentenza essenzjalment fit-termini tal-aggravju li jikkoncerna apprezzament zbaljat tal-provi li wassal lill-Ewwel Qorti sabiex erronjament illiberat lill-konvenut kif iccitat mill-osservanza tal-gudizzju. Ir-rikorrenti appellanti jilmenta illi mill-atti kellu ikun evidenti illi huwa kien ikontratta mal-intimat f'ismu proprju u mhux mas-socjeta li l-konvenut jallega illi kien qieghed jagixxi ghan-nom taghha.

Illi l-Qorti mal-ewwel tistqarr illi l-appellanti naqas proceduralment milli jitlob il-kjamata fil-kawza tas-socjeta li taghha huwa rapprezentant il-konvenut u dana fid-dawl ta'l-eccezzjoni sollevata. Dana naqas milli jaghmlu ukoll wara li l-Ewwel Qorti tatu l-opportunita jiehu dana il-pass sabiex l-atti jigu sanati u salvagwardjati minn gudizzju mohli minhabba nuqqas procedurali. Il-ligi, madanakollu permezz ta'l-artikolu 961 tal-Kapitolu 12 kien jaghti is-setgha anke lill-Qorti li taghmel dan iktar u iktar meta jigi rikonoxxut in-necessita tas-sejha fil-kawza ghaliex tali azzjoni setghet wasslet ghal ekonomija tal-gudizzju.

Illi l-intimat jilqa' ghal dana l-appell billi jikkontendi illi huwa dejjem kien jiggestixxi n-negozju tieghu in rappresentanza tas-socjeta JS Dimech Limited u dana kien car mit-trattativi li kienu igahddu bejn l-attur u s-socjeta konvenuta billi l-attur kien dejjem jithallas permezz ta' cekkijiet mahrugin f'isem il-kumpanija, il-vetturi li kien isewwi l-attur appellanti kellhom il-*logos* tal-kumpanija u l-appellanti kien dejjem jithadded direttment ma'l-impjegati tal-kumpanija li kienu ukoll ikunu imlibbsin l-uniformi bil-*logo* tal-kumpanija fuqha.

Illi fis-sentenza **Mirabel Distributors Limited vs Emanuel Zammit**[1], dina l-Qorti kif diversament ippresjeduta ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet in konnessjoni ma' dan il-punt procedurali:

"Saru frekwenti il-kawzi fejn persuna azzjonata ghal hlas titrincera ruhha wara l-eccezzjoni li ma hiex il-legittimu kontradittur. Kif gie osservat "*certi kazijiet huma ovvji, ohrajn mhux daqstant ovvji. Fejn hemm dubbju pero' wiehed kellu*

[1] App. Inf. 16/12/2002

*jippresumi illi l-persuna li qed tikontratta kienet hekk qed taghmel f'isimha proprju*" – Lawrence Formosa et. ne vs Silvio Felice, Appell 6 ta' Ottubru 1999.

Issokta jigi sostenut illi "*biex ikun diversament kien jispetta lill-appellanti li jipproducu provi konklussivi in sostenn tal-pretensjoni taghhom proprju biex jistabilixxu illi dak li kellu jigi prima facie prezunt mic-cirkostanzi materjali li fihom sar in-negozju …… ma kienux jirrispekkjaw il-verita' ghaliex fil-verita' n-negozju kien sar ma' haddiehor*" – "**John Vella nomine –vs- Anthony sive Mario Anthony Vella et**", Appell, 3 ta' Dicembru 1999.

Bhal fil-kaz tal-konkluzjoni raggunta fid-decizjonijiet fl-ismijiet "**Joseph Chetcuti nomine -vs- Peter Paul Camilleri**", Appell, 4 ta' Dicembru 1988; "**Anthony Caruana et –vs- John Magro et**", Appell, 6 ta' Ottubru 1999, u l-ohrajn referenzjati fihom, "*din il-Qorti jidhrilha li l-konvenut ma rnexxilux jipprova sodisfacentement li hu mhux obbligat personalment li jhallas il-kreditu tas-socjeta' attrici. Fi kliem iehor ma jirrizultax sodisfacentement li meta l-konvenut innegozja mas-socjeta' attrici 'a tempo vergine' hu gab a konjizzjoni taghha li hu kien qieghed jixtri ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' u li din is-socjeta' biss kienet obbligata ghal hlas.*" (sottolinjar tal-Qorti)

Illi mill-provi akkwiziti fl-atti jirrizulta illi l-attur kellu relazzjoni kummercjali kontinwa ghaddejja mal-intimat appellat u dana billi bhala *mechanic* huwa kien jiehu hsieb il-manutenzjoni tal-vannijiet u t-trukkijiet tan-negozju ta' Dimech. Fil-fatt l-ammont mitlub fl-avviz ikopri diversi xogholijiet li saru minnu u mhux transazzjoni wahda biss.

Illi kif qalet tajjeb is-sentenza hawn fuq iccitata kien jinkombi fuq l-intimat appellat illi jinforma lill-appellanti illi huwa kien qieghed jagixxi ghan-nom u in rappresentanza ta' socjeta kummercjali u mhux f'ismu proprju u mhux ihalli lil Camilleri jahseb illi huwa ken qieghed jinnegozja direttament mieghu. Dana ghaliex ghalkemm socjeta kummercjali ghandha personalita guridika distinta minn dik ta'l-azzjonisti u id-diretturi taghha, madanakollu necessarjament hija rapprezentata minn persuna fizika u kwindi dik il-persuna ghandha l-obbligu tavza lil kull min qieghed jikkontratta maghha illi ma hijiex qieghda tagixxi bhala persuna fizika, izda fil-vesti taghha ta' rapprezentant ta' personalita' guridika ohra u cioe' ghan-nom ta' kumpanija. Dana il-piz ma jaqax fuq l-ispalla ta' min qed jikkontratta ma' dina l-persuna billi hu ghandu kull dritt jemmen, fin-nuqqas li jinghata informazzjoni differenti, li qieghed jinnegozja mal-persuna li ghandu quddiemu.

Illi l-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha ikkonkludiet illi kien hemm provi cirkostanzjali evidenti matul il-kontrattazzjonijiet bejn l-appellanti u l-appellat illi dan ta'l-ahhar ma kienx qieghed jagixxi f'ismu proprju izda biss ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta JS Dimech.  Illi mill-atti jirrizulta illi l-kontijiet li kien johrog l-appellanti favur l-intimat appellat kienu dejjem jigu intestati JS

Dimech[2]. L-ittra legali mibghuta mill-appellanti lill-intimat kienet ukoll indirizzat lil JS Dimech. L-intimat appellat ma jidhirx illi f'xi zmien gibed l-attenzjoni tal-appellanti illi l-kontijiet qed jinhargu hazin u cioe' fuq persuna guridika zbaljata. Ghall-ittra legali, imbaghad, lanqas biss indenja ruhu iwiegeb ghalkemm kien jaf ben tajjeb li kien hemm pendenza mal-appellanti. Mhux biss izda fit-trattattivi li saru bejn il-partijiet dwar dina l-pendenza u b'mod specjali f'xi laqgha li tissemma li saret appozitament, l-intimat qatt ma informa lill-appellanti li kien qed jagixxi f'isem socjeta kummercjali.

Illi l-attur appellanti fix-xhieda tieghu isostni illi fuq istruzzjonijiet tal-intimat stess huwa kien johrog l-invoics fuq "JS Dimech" u li di piu inizjalment fuq istruzzjonijiet tieghu ukoll hu ghamel xi zmien johroghom fuq "Bill Glasses".[3]

Illi l-Qorti ma tistax tikkondivi l-fehma ta'l-Ewwel Qorti ghalhekk illi l-appellanti seta' induna illi huwa kien qieghed jinnegozja mas-socjeta J'S Dimech Limited. Dana ghaliex il-motivi migjuba 'il quddiem minnha ma humiex b'sahhithom bizzejjed sabiex jitfghu xi nuqqas fuq l-appellanti. Ibda biex ic-cekkijiet li huma esebiti fl-atti inharrgu f'isem socjeta kummrcjali ohra u cioe' J'S Dimech Com-Ind Ltd. L-isem tas-socjeta li jidher fuq it-trukkijiet li kien isewwi l-appellanti huwa ukoll J'S Dimech Con-Ltd. U mhux J'S Dimech Ltd.. Illi ghalkemm ukoll l-intimat fil-mori tal-kawza ressaq provi li juru l-ezistenza tas-socjeta minnu gesitita u illi anke l-impjegati li maghhom kien jitratta l-appellanti kienu impjegati mas-socjeta u mhux mieghu personali, madanakollu l-appellanti ma kellu l-ebda obbligu biex imur jistharreg u ifittex biex jara dawn l-affarijiet

[2] Ara Dokument KC"  fol.15 et. seq.
[3] Ara xhieda tar-rikorrenti appellanti li tinsab a fol.41

qabel ma johrog il-kontijiet. Dawn il-provi l-intimat messu ghaddiehom lill-appellanti qabel ma infethu dawn il-proceduri u mhux wara u dana ghaliex kien fid-dmir tieghu illi jinfurmah b'dan. Ghalhekk ghalkemm din il-Qorti taqbel mal-fehma ta'l-Ewwel Qorti illi l-intimat ressaq bizzejjed provi biex juri l-ezisetenza tas-socjeta minnu gestita, madanakollu ma tistax taqbel mal-konluzjoni minnha raggunta illi l-appellanti kellu provi sufficjenti f'idejh sabiex jifthulu ghajnejh ghal dana il-fatt. Inoltre ghalkemm huwa minnu illi c-cekkijiet kienu jinhargu f'isem is-socjeta J'S Dimech Com-Ind Ltd., dana il-fatt mhuwiex bizzejjed biex iwasslu lill-appellanti ghal konkluzjoni illi huwa kien qed jinnegozja ma' dina is-socjeta billi pagament maghmul minn terz huwa wiehed validu u ma ifissirx necessarjament ghalhekk illi id-debitu jappartjeni lil dak it-terz. Kif lanqas ma jista' ifisser il-fatt illi l-ittra interpellatorja intbaghtet fl-indirizz tas-socjeta JS Dimech Ltd, illi l-appellanti ghalhekk kien jaf li tezisti dina is-socjeta.

Mill-analizi tal-provi akkwiziti, u bhala punt ta' ligi, l-Qorti ghalhekk issib fuq il-bilanc tal-probabblita illi l-konvenut ma irnexxielux ggib prova rassikuranti, soda u soddisfacenti ghal konvinciment ta' din il-Qorti illi l-appellanti kien jaf illi huwa kien qieghed jinnegozja ma' socjeta kummercjali u mhux mieghu personalment u li hu kien infurmah ghaldaqstant.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tilqa' l-appell u b'hekk tirrevoka s-sentenza appellata li laqghet l-eccezzjoni preliminari sollevata  mill-appellat li huwa mhux il-legittimu kuntradittur. Tirrinvija l-atti lill-ewwel Qorti biex hemm tkompli tigi trattata u definita l-kawza fuq il-mertu taghha u fl-ambitu tal-eccezzjonijiet l-ohra sollevati.

L-ispejjez gudizzjarji tal-prezenti procedura jitbatew mill-konvenut appellat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------